MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 525/2002/1

**Alfred Pace**

**vs**

**MJK Transport Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fis-7 ta' Mejju, 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur kien impjegat mas-socjeta' kummercjali konvenuta.

L-attur nhar is-26 ta' Mejju, 2000, gewwa l-*Freeport*, waqt il-qadi ta' l-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta, weggha idu l-leminija u dana billi din tghafgitlu minn pompa ta' *side-loader*.

Minhabba tali incident l-attur qieghed isofri minn disabilita' permanenti hekk kif iccertifika Mr. Carmel Sciberras skond ir-rapport mediku hawn anness u immarkat bhala Dokument *"AP1"*, kif ukoll minn kondizzjoni mentali ossia psikjatrika skond ir-rapport mediku ta' Dr. Joseph Spiteri hawn anness u mmarkat bhala Dokument *"AP2"* u dana hekk kif se jkollu l-opportunita' illi jipprova l-attur waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

L-imsemmi incident sehh unikament tort tas-socjeta' konvenuta u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti *da parti* tal-istess socjeta' konvenuta.

Ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament interpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni mill-attur, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Talab lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta bhala unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar is-26 ta' Mejju, 2000 fejn weggha l-attur u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti *da parti* tal-istess socjeta' konvenuta.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur.

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma hekk likwidata lill-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghax u rappresentanti u / jew diretturi tas-socjeta' konvenuta minn issa ingunti *in subizzjoni*.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li in forza taghha ecepixxa illi:

1. L-ewwel talba tal-attur ghandha tkun michuda *stante* li l-incident *de quo* ma garax htija tas-socjeta' konvenuta.

2. It-tieni talba tal-attur ghandha tkun respinta wkoll billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur tieghu.

3. Isegwi ghalhekk li anke t-tielet talba ghandha tigi rigettata *stante* li s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tkun kundannata thallas danni lill-attur.

4. *Salvi* eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tal-access mizmum minn din il-Qorti fis-16 ta' Novembru, 2004;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur f'din il-kawza kien jahdem mas-socjeta' konvenuta u x-xoghol tieghu principalment kienet ta' burdnar li jgorr *containers* mix-Xatt jew mill-*Freeport* ghal-post fejn jibghatu l-imghallem tieghu. Dak inhar tal-incident kien fuq xoghol il-*Freeport* u l-imghallem ried jghabbi *container* fuq *trailer* u jsuqqu sat-*Terminal*. Ghal dan it-tip ta' xoghol, tintuza vettura maghrufa bhala *'side-loader'* li tkun mghamra b'zewg *cranes* li kienu wara l-kabina; din il-vettura hija twila madwar 40 pied. Din il-vettura waqfet hdejn il-*container* li riedet tghabbi, u d-Direttur tas-socjeta' konvenuta, Charles Cassar, kien qed jopera l-*cranes* bir-*remote control*. Il-*cranes* jitnizzlu mal-art, wiehed kull naha tal-*container*, u l-attur u Charles Cassar, wiehed naha u l-iehor n-naha l-ohra, rabtu l-ktajjen tal-*crane* mal-*container* u dan b'mod manwali. Wara li l-*container* hekk jintrabat, Charles Cassar, rega opera l-*cranes* b'*remote control* biex itella l-*container* fuq it-*trailer*. Meta din l-operazzjoni tlestiet, Charles Cassar,

ukoll b'*remote control*, jghalaq u jnizzel il-*cranes* (li jahdmu bil-*hydrolic* u l-elettriku), halli jilloosinja l-ktajjen u jkunu jistghu jinqalghu minn mal-*container*.  Waqt li kien qed jaghmel din l-ahhar operazzjoni ta' gheluq tal-*cranes*, Charles Cassar kien fuq wara tal-vettura jopera l-*cranes* u ma kienx qed jara lill-attur.  Meta wasal li jghalaq il-*cranes*, sema lill-attur jghajjat, u meta hareg fil-genb, ra lill-attur fuq is-sieq tas-*'side-loader'*, b'idu l-leminija ipoggiha fejn jinzel l-istrieh il-*crane*.  Charles Cassar rega gholla l-*cranes*, refa lill-attur u hadu malajr lejn l-isptar.  Din mhux l-ewwel darba li l-attur ippartecipa f'operazzjoni simili, partikolarment billi jorbot il-ktajjen tal-*crane* mal-*container* u, wara, jerga' jaqla l-ktajjen minn mal-*container* meta dan ikun ittella fuq is-*'side-loader'*.  F'din ic-cirkustanza, id il-leminija tal-attur inqabdet mal-musmar tal-pompa tal-*hydraulic* tal-*crane* tas-*'side-loader'* fejn din taghlaq halli l-ktajjen jergghu jidhlu fl-apparat tal-*crane*.  L-attur ma kien provdut b'ebda ilbies tas-sigurta' u, fil-fatt, il-kumpanija dak iz-zmien, ma kienetx tipprovdi attrezzaturi simili lill-impjegati taghha.

It-tesi tas-socjeta' konvenuta hija li ghal-dan l-incident jahti l-istess attur, peress li l-attur tela' fuq is-sieq tas-*'side-loader'* u ma stenniex li jinghalaq il-*crane* tal-makkinarju qabel jittenta li jnehhi l-ktajjen, bil-konsegwenza li qieghed idu l-leminija fil-post fejn tistrieh l-*arm* tal-*crane* u korra.

Din il-Qorti, *pero'*, ma taqbilx totalment mal-argument tas-socjeta' konvenuta u tqies li r-responsabilita' tal-incident ghandha tkun *in parti* taghha.  L-ewwel net, hi naqset billi ma pprovdietx lill-attur b'*health and safety equipment*, imma kienet tippretendi li l-impjegati taghha, min ikun interessat, jixtru hu l-attrezzi li jrid.  Dan hu atteggjament hazin, u s-socjeta' konvenuta kellha tqies li kien obbligu u fl-interess taghha li tipprovdi lill-haddiema taghha bi hwejjeg ta' sigurta', bhala, per ezempju, ingwanti u zraben addatati.  Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza <u>"Pulizija vs Attard"</u>, decisa fit-2 ta' Settembru, 1999, *employer* huwa obbligat li jara mhux biss li jkun hemm *available* l-apparat ta' *safety* kollu necessarju, izda ghandu jinsisti mal-*foreman* li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu ta' *safety equipment*, u jara li din l-ordni tigi segwita.

Fil-kawza “Caruana vs Paris noe”, decisa minn din il-Qorti fit-12 ta’ Frar, 1999, is-socjeta’ konvenuta kienet instabet responsabbli ghal-incident li fih wegga’ l-attur peress li dan ma kienx fornit b’ingwanti adegwati u prottettivi.

Fit-tieni lok, jidher car ghall-Qorti li Charles Cassar, id-direttur tas-socjeta’ konvenuta, kien negligenti meta opera l-*cranes* tas-*‘side-loader’* dak inhar tal-incident. Hu kien fuq naha wahda tal-*container*, waqt li l-attur kien fuq in-naha l-ohra, *out of sight* ghal-Charles Cassar, li kien qed jopera l-*cranes* b’*remote control*. Meta l-*container in kwistjoni* tpogga fuq is-*‘side-loader’*, mar fuq wara tal-vettura u beda jnizzel il-*cranes*, minghajr ma ivverifika fejn kien l-attur u x’kien qed jaghmel. Waqt li kien qed inizzel il-*cranes*, ma setghax u ma kienx qed jara jekk kienx hemm xi hadd hdejn l-istess *cranes*. Is-Sur Cassar kien negligenti meta opera l-*cranes* minghajr ma kien qed jara fejn dawn il-*cranes* kienu qed jinzlu, u allura minghajr kontroll ghal-min jersaq hdejn il-*cranes* u jpoggi lilu nnifsu f’posizzjoni ta’ periklu. Hadd m’ghandu jopera magna minghajr ma jkun jista’ jivverifika jekk ikunx hemm xi hadd fil-vicinanzi tal-istess magna u, allura, fil-periklu li jkorri bl-operazzjoni ta’ dik il-magna, specjalment meta dik il-magna ma jkolliex ilqugh, kif ma kellux is-*‘side-loader’ in kwistjoni*. Is-Sur Cassar kien qed jopera l-*cranes* u jserrahom, minghajr ma kien qed jara fejn dawn jinzlu, fis-sens li kien qed joperhom, tista’ tghid, *‘blind’*. Fejn jinzlu l-*cranes* m’hemmx ilqugh, u ma kien hemm hadd biex jara li l-*arms* jinzlu minghajr hsara ghall-hadd. Kull parti tal-magna li tista tohloq periklu ghandha jkollha ilqugh necessarju, u huwa guridikament irrilevanti jekk ripar ikunx kummercjalment prattikabbli jew ikunx mekkanikament impossibbli; il-periklu li tohloq magna simili m’ghandhiex tithalla *open* ghal-haddiema. Il-fatt li hu possibbli li haddiem jpoggi jdejh waqt li l-*cranes* ikun qed jigu operati, jghamillha impellenti li l-*cranes* ikunu m’ghammra b’ilqugh adegwat, specjalment meta, f’kazijiet bhal dan, min ikun qed jopera l-*cranes* ma jkunx qed jara l-operazzjoni kollha tal-magna (ara “Zammit vs Aquilina”, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-2 ta’ Frar, 1995).

Fil-kaz "Cini vs Wells", decisa min din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2001, (u konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2004) gie enfasizat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghall-kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu.  F'dan il-kaz, is-socjeta' konvenuta naqset milli tipprovdi kemm sorveljanza kif ukoll ilqugh adegwat, b'mod li esponiet lill-haddiema taghha ghal-periklu kostanti.

Ghalkemm l-attur kien ftit negligenti meta pogga idu fil-ilqugh tal-*crane* qabel, milli jidher, din waqfet ghal-kollox, hu, precisament, biex kaz bhal dan jigi evitat, li hemm htiega ta' ilqugh jew supervizzjoni kostanti.  Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-sentenza "Schembri vs Caruana", decisa fit-12 ta' Jannar, 1983, b'kwotazzjoni ta' awturi inglizi fuq il-materja, *"all employees tend to get careless about risks involved in their daily work, and the employer must take this fact into account"*.  Fil-kawza "Calleja vs Fino", decisa min din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 1980, intqal li mhux difisa li l-magna kienet *in operazzjoni* ghal-snin twal u qatt qabel ma gara l-incident:  *"The fact that the system adopted had been in use for years without incident, is not proof that the system is safe: the accident in question justifies this"*.  Kien mistenni li haddiem, minhabba n-natura tax-xoghol tieghu, li maz-zmien irabbi ftit *"kunfidenza"* mal-magna, u hu dmir tas-sid li jikkontrolla dan u kontinwament ihares is-sahha tal-haddiem.

Fil-kawza "Grech vs Farrugia noe", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1994, intqal hekk:

*"Finalment, l-appellanti socjeta' m'apprezzatx dak li l-gurisprudenza stabbiliet fl-interpretazzjoni tal-Kap. 107 rigward ir-responsabilita' oggettiva ta' min ihaddem, fil-kamp tal-industrija, fl-uzu ta' makkinarju, minhabba l-htiega li, sakemm dan huwa possibbli, l-makkinarju ghandu jkun imhares b'mod illi ma jirrekax hsara lil min qed jahdem fuqu, jew qed jadoperah anki meta dan ma jkunx qed jahdem fuqu, jew juza dak il-makkinarju minghajr dik l-attenzjoni u prudenza li wiehed jistenna*

*bhala normalita'. U dan, biex jaghmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal, li jsofri haddiem industrijali, proprju ghaliex dik l-aljenazzjoni tkun fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura tal-attivita' industrijali"* ("Agius vs Galea noe", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Lulju, 1989, u "Galea vs Balzan noe", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta' Frar, 1993).

Dan hu oneru tqil fuq is-sid, *pero'*, huwa konsegwenza tal-progress industrijali, tal-ghagla dejjem mehtiega fil-produzzjoni, u tal-izvillup li kontinwament issir fil-magni u s-sofistikazzjoni taghhom. Dan gab aktar piz fuq il-haddiema u aktar periklu ghalihom, b'mod li s-sid irid jikawtela fir-rigward.

Minn naha l-ohra din il-Qorti ma tistax tiskolpi lill-attur minn kull responsabbilita'. Ma kienetx l-ewwel darba li l-attur ghamel operazzjoni simili u kien jaf kif tinhadem il-procedura tal-*crane*. Kif jaf, jew messu kien jaf, li jekk jibda jaqla l-katina li kienet qed izomm il-*container* qabel ma jinzel kollu l-*crane*, huwa kien qed jissogra incident. Hu, fil-fatt, pogga idu taht fejn jinzel il-*crane*, waqt li l-imsemmi Charles Cassar kien qed ihaddem l-istess *crane*. L-attur haseb li kien se jirnexxielu jaqla l-ktajjen u jnehhi idu min-nofs qabel ma jilhaq jinzel il-*crane*. Minn dak li l-attur spjega lill-Qorti waqt l-access, jidher li waqt li b'idu x-xellugija kien qed jaqla l-ktajjen u jpoggihom f'posthom, serrah idu l-leminija mal-*arms*, b'mod li meta din nizzlet kompletament, gibditlu idu. Hu ha riskju ta' kalkolu li, *pero'*, spicca li gherrielu. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Sciriha vs O'Flaherty noe", decisa fil-5 ta' Mejju, 1994, meta haddiem ta' certa esperjenza ippoggi idu fejn mhux suppost tkun fil-hin tal-incident, ghandu jerfa' parti mir-responsabbilita' ghal-griehi li jsofri per konsegwenza. F'dan il-kaz, *pero'*, ir-responsabbilita' ta' min ihaddem ghandha tkun ghola min dik tal-impjegat, ghax, kif intwera, huwa fuq min ihaddem li hu mixhut l-oneru principali li jassigura kontra kull riskju ta' periklu.

*Kwindi*, ghal dik li hi r-responsabbilita' ghall-incident, il-Qorti tqies li s-socjeta' konvenuta ghandha terfa 2/3 tal-piz

u l-attur terz; *kwindi* s-socjeta' konvenuta hi responsabbli fi grad ta' zewg terzi ghad-danni konsegwenzali li sofra l-attur.

Ghar-rigward il-likwidazzjoni tad-danni, jirrizulta li l-attur kellu 29 sena meta sehh l-incident, u b'rizultat tal-incident kellu jitlaq mill-impieg tieghu peress li ma setax ikompli bix-xoghol li kien jaghmel qabel; ma jidhirx, *pero'*, li d-dhul tieghu kien wisq aktar mill-*minimum wage*. Bhala percentagg ta' dizabilita', gie stabbilit li l-attur ibati minn dizabilita' permanenti li giet ikkalkulata bhala li tekwivali ghal-8%, *pero'*, mix-xhieda ta' Dr. Joseph Spiteri, jirrizulta li l-attur ibati wkoll minn *depression* qawwija u sintomi ta' *post-traumatic stress order* li kienu r-rizultat tal-incident; minhabba dan l-attur qed ibati minn *"an inability to cope"*. Kemm l-attur jista' jdum f'din il-kondizzjoni ma setax jinghad ghax jiddependi hafna fuq dak li, fil-psikjatrija, jissejhu *perpetuating factors* li fuqhom it-tobba m'ghandhomx kontroll. Mehud kont ta' dawn ic-cirkustanzi, l-Qorti tqies li l-percentagg ta' dizabilita' ghandha titla ghal-10%.

Ghar-rigward tal-*multiplier*, il-Qorti sejra tadotta il-figura ta' 26 (ara, ghal-riflessjonijiet fuq dan, is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004, fil-kawza fl-ismijiet "Caruana vs Camilleri").

Dwar l-*income* tal-attur, kif inghad, din hija bazata fuq il-*minimum wage*, *pero'*, meta tqies iz-ziediet li jkun hemm fil-pagi u l-medda taz-zmien li l-attur ghad ghandu fil-hajja tax-xoghol, il-Qorti tqies li ghandha tadotta *income* annwali ta' Lm6,000, mil-liema somma m'ghandux ikun hemm tnaqqis la minhabba hlasijiet tal-*income tax* (ara "Muscat vs Schembri", decisa minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 1972), u lanqas minhabba l-hlasijiet tal-PAYE jew ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta' nazzjonali (ara "Caruana vs Farrugia", decisa minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 1983).

Ghalhekk, il-kumpens dovut lill-attur ghandu jinhaddem u jirrizulta hekk:

Lm6,000 x 26 x 10% = Lm15,600

Peress li l-incident sehh fl-2000, il-Qorti sejra tnaqqas 18% bhala *lump sum deduction*; b'hekk, il-kumpens ikun ta' Lm12,792.

Is-socjeta' konvenuta, li hija responsabbli fi grad ta' zewg terzi ghal dan l-incident, ghandha, ghalhekk, thallas is-somma ta' Lm8,528.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' *in parte* t-talbiet attrici, tiddikjara u zzomm lis-socjeta' konvenuta responsabbli fi grad ta' zewg terzi ghall-incident li sehh fis-26 ta' Mejju, 2000, li fih wegga l-attur, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Lm8,528 (tmient elef, hames mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija) *in linea* ta' danni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghal-terz mill-attur u zewg terzi mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------